# KAPITOLU 427

## ATT DWAR IS-SIGUREZZA TAL-PRODOTTI

*Biex iħassar u jissostitwixxi l-Att dwar Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali), Kap. 225.*

1 ta' Marzu, 2001

*L-ATT V tal-2001, kif emendat bl-Avviż Legali 426 tal-2007; u bl-Atti XXIX tal-2007 u VI tal-2011.*

### TAQSIMA I
### PRELIMINARI

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti. Titolu fil-qosor.

**2.** F'dan l-Att, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtiegx xort'oħra - Tifsir. *Emendat: XXIX. 2007.7; VI. 2011.157.*

"affarjiet ta' ikel" tfisser kull sustanza jew prodott, kemm jekk ikunu proċessati, proċessati parzjalment jew mhux proċessati maħsuba biex jittieklu mill-bniedem, minbarra:

(*a*) prodotti mediċinali, jiġifieri kull sustanza jew għaqda ta' sustanzi ppreżentati biex jiġi ttrattat jew evitat il-mard fil-bniedem jew fl-annimali; tinkludi wkoll kull sustanza jew għaqda ta' sustanzi li tista' tiġi amministrata lill-bniedem jew lill-annimali biex issir djanjosi medika jew biex il-funzjonijiet fiżjoloġiċi fil-bniedem jew fl-annimali jerġgħu jiġu lura għan-normal, jew jiġu korretti jew modifikati;

(*b*) prodotti tat-tabakk jiġifieri prodotti li jintużaw biex persuna tpejjep, ixxomm, tiġbed, jew tomgħod, safejn dawn il-prodotti jkunu magħmulin, ukoll parzjalment, minn tabakk;

(*ċ*) ilma għall-konsum mill-bniedem, jiġifieri kull ilma wżat għal dak il-għan, sew fl-istat oriġinali tiegħu, kif ukoll wara trattament, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, kemm jekk provdut biex jiġi kkunsmat, jew biex jiġi wżat fi stabbiliment li jipproduċi l-ikel għall-manifattura, proċessar, ippreżervar jew *marketing* ta' prodotti jew sustanzi maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jaffettwa t-tjubija tal-ikel fil-forma tiegħu kompluta;

(*d*) ilmijiet naturali minerali, jiġifieri ilma mikrobijoloġikament bnin li joriġina mill-ilma ta' taħt l-art jew minn depożitu ta' ilma, u li joħroġ minn għajn mqabbda ma' toqba jew aktar minn toqba waħda naturali, u li jista' jintgħaraf faċilment minn ilma tax-xorb mix-xorta tiegħu u mill-istat oriġinali tiegħu, dawn iż-żewġ karatteristiċi jkunu baqgħu intatti minħabba fix-xorta ta' ilma ta' taħt l-art ta' dan l-ilma;

(*e*) sustanzi narkotiċi jew psikotropiċi, kif dawn huma imfissra fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffiku Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi, adottata fid-19 ta’ Diċembru 1988 fi Vjenna li għalih Malta hija parti;

"bejgħ" tinkludi:

(*a*) il-provvista ta’ prodotti mibjugħa, mikrija jew offruti għall-bejgħ jew għall-kiri f’operazzjonijiet li għandhom x’jaqsmu ma’ kummerċ jew negozju u kull attività oħra li għandha x’taqsam ma’ prodotti li l-Ministru jista’, minn żmien għal żmien, jistabilixxi b’regolamenti magħmula taħt dan l-Att;

(*b*) il-provvista ta’ kull prodott li, għall-għanijiet ta’ *marketing* jew riklamar, jiġi offrut bħala premju jew rigal jew b’mod ieħor jingħata in konnessjoni ma’ divertiment pubbliku, kemm jekk dak id-divertiment ikun provdut bi ħlas jew b’xejn; u

(*ċ*) il-provvista ta’ prodotti f’operazzjonijiet li għandhom x’jaqsmu mal-għoti ta’ servizz lil konsumatur minn terza persuna;

Kap. 510.
"id-Direttur Ġenerali" tfisser tfisser id-Direttur Ġenerali (Regolamenti Tekniċi) kif maħtur bl-artikolu 19 tal-Att dwar l-Awtorità ta’ Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur;

"distributur" tinkludi kull persuna fil-katina tal-provvista li l-attività tagħha ma taffettwax il-proprjetajiet ta’ sigurtà ta’ prodott, u għandha tinkludi bejjiegħa bl-ingrossa, bejjiegħa bl-imnut, aġenti li jaħdmu b’kummissjoni u intermedjarji oħra;

Kap. 510.
"Diviżjoni dwar Regolamenti Tekniċi" tfisser id-Diviżjoni dwar Regolamenti Tekniċi, kif imwaqqfa bl-artikolu 19 tal-Att dwar l-Awtorità ta’ Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur;

"fond" tinkludi kull posta, *stand*, kjosk, vettura, inġenji tal-ajru, inġenji tal-baħar u kull imkien ieħor minbarra fond li jintuża għal skopijiet ta’ abitazzjoni, minn fejn jitmexxa jew isir kummerċ jew negozju, u għandha tinkludi wkoll makni tal-bejgħ awtomatiċi kemm jekk ikunu qegħdin fil-fond tan-negozju kemm jekk le;

Kap. 378.
"konsumatur" għandha l-istess tifsir kif mogħti lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u tinkludi kull persuna li barra minn f’operazzjonijiet li għandhom x’jaqsmu ma’ negozju, kummerċ jew professjoni, tixtri jew mod ieħor takkwista jew mod ieħor jiġu f’idejha prodotti;

"liċenza" tinkludi liċenzi tan-negozju u kull liċenza oħra kummerċjali jew biex wieħed jopera;

"Malta" għandha l-istess tifsir kif mogħtija lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Affarijiet tal-Konsumatur u tinkludi, fil-limitu tal-awtorità mogħtija, kull persuna jew awtorità li tiġi awtorizzata għaldaqshekk minn dak il-

Ministru għall-finijiet ta' dan l-Att;

"prodott" tfisser kull ħaġa, oġġett jew sustanza manifatturata li hija maħsuba jew offruta għall-użu minn konsumaturi jew x'aktarx tintuża minn konsumaturi, provduta kemm bi ħlas jew le f'operazzjonijiet ta' kummerċ jew negozju u kemm jekk tkun ġdida, użata jew rikondizzjonata, iżda teskludi -

(*a*) prodotti sekondaman provduti bħala antikitajiet;

(*b*) prodotti li għandhom jiġu msewwija jew rikondizzjonati qabel ma jintużaw, sakemm min jipprovdi dawk il-prodotti jinforma b'dan b'mod ċar lill-persuni li jissupplixxi l-prodott;

(*ċ*) sustanzi mediċinali kif imfissra f'din it-Taqsima ta' dan l-Att;

(*d*) affarijiet tal-ikel kif dawn il-kliem huma mfissra f'din it-Taqsima ta' dan l-Att:

Iżda għal dak li għandu x'jaqsam ma' kontroll fuq il-kwalità, deskrizzjoni ġeografika jew tal-prodott, jew il-ħtiġiet dwar il-kompożizzjoni tal-prodott, affarijiet tal-ikel għandhom jiġu meqjusa bħala prodotti u għandhom jiġu regolati bid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

"prodott mhux perikoluż" tfisser kull prodott li, taħt kondizzjonijiet ta' użu normali jew li jkunu raġonevolment prevedibbli, inkluża l-ħajja ta' dak il-prodott, u, fejn applikabbli, tqegħid għas-servizz, rekwiżiti ta' stallazzjoni u manutenzjoni, ma joħloqx riskju jew joħloq biss ir-riskji minimi, li huma kompatibbli mal-użu tal-prodott, li huma kkunsidrati bħala aċċettabbli u konsistenti ma' livell għoli ta' protezzjoni għas-sigurtà u s-saħħa tal-bniedem, meta wieħed iqis partikolarment il-fatturi li ġejjin:

(*a*) il-karatteristiċi tal-prodott, inklużi l-kompożizzjoni, l-ippakkjar, l-istruzzjonijiet biex jingħaqad f'ħaġa waħda u l-manutenzjoni tiegħu;

(*b*) l-effett li jkollu fuq prodotti oħra, meta jkun raġonevolment prevedibbli li jiġi wżat ma' prodotti oħra;

(*ċ*) il-preżentazzjoni tal-prodott, l-immarkar fuqu, kull istruzzjoni għall-użu u għat-tneħħija tiegħu u kull indikazzjoni jew informazzjoni oħra mogħtija mill-produttur;

(*d*) il-kategoriji ta' konsumaturi li jkunu taħt riskju meta jużaw il-prodott, partikolarment tfal, persuni b'diżabilità u anzjani:

Iżda l-possibbiltà li jistgħu jintlaħqu livelli ogħla ta' sigurtà jew id-disponibilità ta' prodotti oħra li jkollhom livell aktar baxx ta' riskju ma jikkostitwux bażi biex prodott jiġi meqjus bħala prodott perikoluż;

"prodott perikoluż" tfisser kull prodott li ma jikkonformax mat-tifsira ta' "prodott mhux perikoluż";

"produttur" tfisser:

(*a*) il-manifattur ta' prodott, meta jkun stabbilit f'Malta, u kull persuna oħra li tippreżenta ruħha bħala l-manifattur billi twaħħal mal-prodott isimha, *trade mark* jew marka oħra distintiva, jew

(*b*) il-persuna li tirrikondizzjona l-prodott; jew

(*ċ*) ir-rappreżentant tal-manifattur, meta l-manifattur ma jkunx stabbilit f'Malta jew, jekk ma jkunx hemm rappreżentant stabbilit f'Malta, l-importatur tal-prodott; jew

(*d*) persuni oħra fil-katina tal-provvista, safejn l-attivitajiet tagħhom jistgħu jaffettwaw l-aspetti ta' sigurtà ta' prodott imqiegħed fis-suq;

"proprjetarju", għal dak li għandu x'jaqsam ma' stabbiliment ta' manifattura, tfisser il-persuna jew persuni li jmexxu l-kummerċ jew in-negozju, u tinkludi s-sidien ta', jew min jokkupa, l-fond li fih jitmexxa dak l-istabbiliment, u d-detenturi ta' liċenzji li għandhom x'jaqsmu ma' dak l-istabbiliment jew dak il-fond;

"qorti" tfisser il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali;

"riklam" tinkludi kull avviż, apparat, ċirkolari, tiketta, pakkett, kont, dokument, rappreżentazzjoni, xandir jew avviż pubbliku, preżentazzjoni viżwali jew akustika jew it-tnejn, u "tirreklama" għandha tinftiehem f'dan is-sens;

Kap. 510.

"*standard*" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.

## TAQSIMA II
## SIGURTÀ TA' PRODOTTI ĠENERALI

Dritt tal-konsumatur.

**3.** (1) Konsumatur għandu d-dritt -

(*a*) li jitqiegħdu prodotti għall-konsum fis-suq li jkunu mingħajr periklu;

(*b*) li jirċievi informazzjoni xierqa rigward l-aspetti ta' sigurtà u tal-użu ta' dawk il-prodotti kif suppost; u

(*ċ*) li jkun informat b'mod xieraq bi prodotti li joħolqu riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi, u li jinbiegħu jew jiġu offruti għall-bejgħ lilu.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma jkunux inforzabbli direttament f'xi qorti jew tribunal, iżda għandhom jiġu osservati fl-interpretazzjoni u fl-implimentazzjoni ta' dan l-Att u ta' xi regolamenti magħmula taħtu.

Prodotti mhux perikolużi.

**4.** (1) Il-produtturi għandhom iqiegħdu fis-suq prodotti li ma jkunux perikolużi biss.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw bl-istess mod għall-prodotti manifatturati f'Malta jew importati f'Malta.

(3) Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu

tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att.

Sigurtà ġenerali ta' prodotti.

**5.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għal dak li għandu x'jaqsam ma' sigurtà ġenerali ta' prodotti japplikaw safejn ma jkunx hemm disposizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw is-sigurtà ta' prodott partikolari f'regolamenti partikolari magħmula taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra.

(2) Meta regoli speċifiċi jkun fihom disposizzjonijiet li jimponu ħtiġiet ta' sigurtà fuq prodott partikolari, il-ħtiġiet ta' dan l-Att dwar sigurtà ġenerali ta' prodotti ma għandhomx japplikaw għal dak il-prodott.

(3) Meta jiġu mposti ħtiġiet speċifiċi taħt xi liġi li jirregolaw ċerti aspetti biss ta' sigurtà tal-prodott jew kategoriji ta' riskju għal prodott partikolari, dawk il-ħtiġiet għandhom japplikaw għal dak il-prodott għal dak li għandu x'jaqsam mal-aspetti ta' sigurtà jew riskji rilevanti, b'esklużjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att dwar sigurtà ta' prodotti, u l-ħtiġiet ta' dan l-Att dwar is-sigurtà ġenerali ta' prodotti għal dak li jirrigwarda aspetti oħra ta' sigurtà jew riskji għandhom ikomplu japplikaw.

(4) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) sa (3), id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att dwar sigurtà ġenerali ta' prodotti għandhom jipprevalu fuq kull ħaġa li jkun hemm kuntrarja f'xi liġi oħra.

Obbligi ta' produtturi u importaturi.

**6.** Mingħajr preġudizzju għal kull obbligu ieħor skont dan l-Att, produtturi u importaturi għandhom -

(*a*) jagħtu lill-konsumaturi informazzjoni rilevanti biex ikunu jistgħu jagħmlu stima tar-riskji li jkun hemm fi prodott matul l-użu tiegħu normali jew raġonevolment prevedibbli, meta dawk ir-riskji ma jkunux immedjatament ovvji mingħajr twissija xierqa;

(*b*) jieħdu dawk il-prekawzjonijiet meħtieġa biex jiġu evitati jew imnaqqsa dawk ir-riskji;

(*ċ*) jadottaw dawk il-miżuri li jkunu proporzjonati mal-karatteristiċi tal-prodotti li jissuplixxu biex konsumaturi jkunu jistgħu ikunu informati dwar ir-riskji li dawn il-prodotti jista' jkollhom u biex jieħdu azzjoni xierqa inkluża, jekk ikun hekk meħtieġ, li l-prodott in kwistjoni jiġi rtirat mis-suq biex jiġu evitati dawn ir-riskji.

(2) Il-miżuri indikati fis-subartikolu (1) jistgħu jinkludu, kull fejn ikun xieraq, l-immarkar tal-prodotti jew il-lottijiet tal-prodott b'tali mod illi jistgħu jiġu identifikati, testjar ta' kampjuni ta' prodotti fis-suq, l-investigazzjoni ta' ilmenti, u li d-distributuri jinżammu informati dwar dik is-sorveljanza.

(3) Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att.

Tħaris ta' ħtiġiet ta' sigurtà ġenerali mid-distributuri .

**7.** (1) Id-distributuri jkunu meħtieġa li jaġixxu b'attenzjoni xierqa biex jiġi żgurat it-tħaris tal-ħtiġiet ta' sigurtà ġenerali stabbiliti bis-saħħa ta' dan l-Att, partikolarment billi ma jipprovdux

prodotti li jkunu jafu jew li raġonevolment għandhom ikunu jafu, fuq il-bażi ta' informazzjoni li jkollhom bħala nies li jaħdmu f'dak il-kummerċ, negozju jew xogħol rilevanti ma jħarsux dik il-ħtieġa.

(2) Kull distributur li jipprovdi prodotti li jkun jaf jew li jmissu jkun jaf, bħala bniedem li jaħdem f'dak il-kummerċ, negozju jew xogħol rilevanti, li jkunu perikolużi, jew li b'mod ieħor jikser id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att.

Sorveljanza fuq is-sigurtà ta' prodotti.

**8.** Id-distributuri għandhom id-dmir li jassistu fis-sorveljanza tas-sigurtà ta' prodotti imqiegħdha fis-suq, billi jgħaddu informazzjoni dwar riskji fi prodotti lil min jipprovdi dawk il-prodotti u lill-konsumaturi, u billi jikkooperaw fl-azzjoni li tittieħed biex jiġu evitati dawn ir-riskji.

Stima dwar il-ħtieġa ta' sigurtà ġenerali. *Emendat: VI. 2011.158.*

**9.** (1) Fl-assenza ta' regoli speċifiċi, it-tħaris ta' prodott tal-ħtieġa dwar sigurtà ġenerali għandu jkun stmat billi wieħed iqis -

(*a*) l-I*standards* Nazzjonali volontarji kollha rilevanti li jagħtu seħħ lil *Standard* Ewropew; jew

(*b*) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi Ewropej kollha rilavanti, jekk ikun hemm; jew

(*ċ*) fin-nuqqas ta' dak hawn fuq imsemmi, l-i*standards* nazzjonali kollha rilevanti kif ukoll kodiċijiet ta' prattika tajba dwar is-saħħa u s-sigurtà, fis-settur konċernat, l-għola livell ta' konoxxenza f'dak il-kamp u teknoloġija fis-settur konċernat, u *standards* ta' sigurtà li l-konsumaturi huma raġonevolment intitolati li jippretendu.

(2) F'dan l-artikolu, il-kliem "*Standard* Nazzjonali", "*Standard* Ewropew" u "speċifikazzjonijiet tekniċi" għandu jkollhom it-tifsiriet mogħtija lilhom bl-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.

Kap. 510.

Id-Direttur Ġenerali jista' jimponi restrizzjonijiet. *Emendat: VI. 2011.157.*

**10.** (1) Minkejja li prodott ikun iħares id-disposizzjonijiet tal-artikolu 9(1)(*a*), (*b*) jew (*ċ*), id-Direttur Ġenerali jista' jieħu dawk il-miżuri xierqa biex jimponi restrizzjonijiet mal-ħruġ ta' dak il-prodott fis-suq jew li jeħtieġ li jiġi rtirat mis-suq meta jkollu raġuni għaliex jaħseb li, minkejja dak it-tħaris, il-prodott xorta jibqa' perikoluż għas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi.

(2) Id-Direttur Ġenerali għandu, kull meta dan ikun possibbli, jagħti lill-partijiet konċernati l-opportunità li jissottomettu l-opinjonijiet tagħhom qabel jieħu miżura skont is-subartikolu (1):

Iżda, fejn, minħabba fl-urġenza tal-miżuri li għandhom jittieħdu, id-Direttur Ġenerali jkun ħa l-miżuri qabel ma jkun ta din l-opportunità, għandu jagħti din l-opportunità kemm jista' jkun malajr, wara li l-miżura tkun ittieħdet mid-Direttur Ġenerali.

(3) Id-Direttur Ġenerali għandu, kull meta jidhirlu li jkun possibbli u raġonevoli li jagħmel hekk, l-ewwel jipprova jottjeni tħaris volontarju da parti tal-produtturi u distributuri involuti.

**11.** (1) Meta d-Direttur Ġenerali jieħu miżuri skont l-artikolu 10, għandu kemm jista' jkun malajr, jinnotifika lill-partijiet konċernati r-raġunijiet għat-teħid ta' dawk il-miżuri.

Notifika.
*Emendat: VI. 2011.157.*

(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 97, 98 u 99 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-miżuri meħuda mid-Direttur Ġenerali.

Kap. 378.

**12.** Kull persuna li -

Reati ġenerali.

(*a*) tbiegħ, tikri, tesponi jew toffri għal bejgħ jew kiri jew ikollha fil-pussess tagħha, għall-għanijiet ta' dak il-bejgħ, kiri, turija jew offerta, xi prodott li ma jħarisx id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolament magħmul taħt dan l-Att; jew

(*b*) tiddepożita ma', jew mod ieħor tissupplixxi lil, xi persuna b'dak il-prodott, taħt kull titolu jkun liema jkun, kemm bi ħlas jew le, għall-għanijiet ta' dak il-bejgħ, kiri, offerta jew turija,

tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att.

**13.** Meta prodott li jonqos li jħares il-ħtiġiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolament magħmul taħtu jkun jifforma parti minn grupp, lott jew konsenja ta' prodotti tal-istess klassi, tip jew deskrizzjoni, jitqies, sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju, li l-prodotti kollha f'dak il-grupp, lott jew konsenja ma jħarsux dawk il-ħtiġiet.

Nuqqas ta' prodott li jħares il-ħtiġiet.

**14.** Produttur li jonqos milli jagħti xi informazzjoni li tista' tkun meħtieġa mid-Direttur Ġenerali fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu skont dan l-Att ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att.

Nuqqas li wieħed jagħti informazzjoni.
*Emendat: VI. 2011.157.*

## TAQSIMA III
## KONTROLL TAL-PRODOTT U INFURZAR

**15.** Id-Direttur Ġenerali jkun responsabbli għall-amministrazzjoni ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, u fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet u tad-dmirijiet tiegħu skont dan l-Att, ikollu s-setgħa:

Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali.
*Emendat: VI. 2011.157.*

(*a*) jipprojbixxi, b'ordni bil-miktub, il-ħruġ fis-suq ta' xi prodott li huwa perikoluż jew li ma jħarisx id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmula taħtu;

(*b*) jipprojbixxi, b'ordni bil-miktub, għal dak iż-żmien li jkun meħtieġ biex isiru testijiet, lil xi persuna milli tissupplixxi, toffri jew mod ieħor tesponi xi prodott jew grupp ta' prodotti, kull meta jidhirlu, fid-diskrezzjoni tiegħu, li hemm raġunijiet validi biex wieħed jaħseb li prodott huwa perikoluż;

(*ċ*) jordna, b'ordni bil-miktub, l-irtirar immedjat ta' prodotti perikolużi mis-suq u, kull meta jidhirlu li dan hu meħtieġ, li jordna d-distruzzjoni ta' dawk il-prodotti taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhrulu xierqa;

(*d*) jieħu dawk il-miżuri li hu jista' jikkonsidra li jkunu meħtieġa biex iwaqqaf u ma jħallix li jsiru prattiċi li huma ta' ħsara għas-sigurtà ta' prodotti;

(*e*) jimponi kondizzjonijiet, b'ordni bil-miktub, fuq il-*marketing*, ir-riklamar u l-immarkar ta' prodott, kif ikun meħtieġ fl-interess tas-sigurtà pubblika;

(*f*) jippubblika kopji ta' ordnijiet maħruġa minnu taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(*g*) li jwettaq jew jara li jitwettqu fuq skala xierqa, sa l-istadju finali ta' użu, l-attivitajiet kollha dwar il-kontroll tal-prodott, inklużi l-ispezzjonijiet, l-analiżi, l-eżami u l-investigazzjonijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mal-karatteristiċi ta' sigurtà ta' prodotti, ukoll wara li dawn il-prodotti jkunu tpoġġew fis-suq bħala mhux perikolużi; u

(*h*) li jwettaq kull funzjoni oħra li tista' tiġi assenjata lilu b'dan jew skont dan l-Att jew skont xi liġi oħra.

Infurzar tal-Att.
*Emendat: VI. 2011.157.*

**16.** (1) Sakemm ma jiġix provdut xort'oħra, l-infurzar tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmula taħtu jkun vestit fid-Direttur Ġenerali, iżda d-Direttur Ġenerali jista' jiddelega bil-miktub xi waħda mis-setgħat vestiti fih bis-saħħa ta' dan l-Att lil kull uffiċjal pubbliku jew, bil-kunsens tal-Ministru, lil xi persuna oħra impjegata ma' korp magħqud imwaqqaf b'liġi, jew persuna li taqa' f'kategorija kif tista' tiġi preskritta taħt l-artikolu 39.

(2) Kull uffiċjal jew persuna, awtorizzat kif intqal qabel, għandu, meta jkun meħtieġ, juri l-awtorizzazzjoni bil-miktub, iffirmata mid-Direttur Ġenerali.

(3) Kull referenza f'dan l-Att barra minn fl-artikolu 22 għal uffiċjal pubbliku awtorizzat jew uffiċjal awtorizzat għandha titqies li tinkludi referenza għal persuna oħra awtorizzata skont is-subartikolu (1).

Setgħa ta' spezzjon.
*Emendat: VI. 2011.157.*

**17.** (1) Kull Maġistrat jista' b'mandat, wara rikors konfermat bil-ġurament mid-Direttur Ġenerali jew minn xi uffiċjal pubbliku, awtorizzat kif imiss bil-miktub mid-Direttur Ġenerali għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att, li jkollu għalfejn raġonevolment jaħseb li prodotti perikolużi qed jinżammu jew jinsabu f'xi fond, minbarra fond li jintuża esklużivament għal għanijiet ta' abitazzjoni, jawtorizza lil dak l-uffiċjal biex -

(*a*) jidħol u jfittex kull fond tali u li jwettaq hemmhekk kull spezzjoni li tista' tkun meħtieġa;

(*b*) jikkonfiska kull prodott perikoluż li jinsab hemmhekk:

Iżda meta d-Direttur Ġenerali jkollu raġuni tajba li jissuspetta li dawk l-prodotti perikolużi x'aktarx jiġu mneħħija jew distrutti, jew li x'aktarx ix-xiehda tal-għemil ta' xi reat kontra dan l-Att tiġi moħbija, id-Direttur Ġenerali jista' bil-miktub jawtorizza huwa stess kull uffiċjal pubbliku biex iwettaq, rigward dak il-fond, kull waħda mis-setgħat imsemmija f'dan is-subartikolu, u l-awtorità hekk mogħtija mid-Direttur Ġenerali jkollha l-istess effett bħal mandat maħruġ minn Maġistrat.

(2) L-ebda dħul jew tfittxija ma jistgħu jsiru barra l-ħinijiet normali tan-negozju tal-istabbiliment konċernat, sakemm id-

Direttur Ġenerali ma jkollux raġuni għaliex jaħseb li xi dewmien jista' jġib miegħu t-telf jew il-ħabi ta' xi xiehda jew jista' mod ieħor jippreġudika r-riżultat tat-tfittxija.

(3) Waqt kull dħul u tfittxija skont din it-Taqsima ta' dan l-Att, id-Direttur Ġenerali jista' jitlob l-assistenza tal-Pulizija.

Spezzjon ta' prodotti.

**18.** Kull uffiċjal pubbliku, awtorizzat intqal qabel, jista', għal kull wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att, jispezzjoni kull prodott li -

(*a*) ikun ġie mibjugħ jew ikun qed jiġi offrut għall- bejgħ jew konsum jew użu mill-konsumaturi; jew

(*b*) ikun fil-pussess ta', jew taħt il-kontroll ta', xi produttur jew distributur, jew li ġie depożitat għand, jew mod ieħor mogħti lil, xi persuna għall-għan ta' bejgħ jew preparazzjoni għall-bejgħ,

kull fejn il-prodott jinsab.

L-uffiċjal jista' jkun akkompanjat.

**19.** Uffiċjal awtorizzat li jidħol f'xi fond bis-saħħa ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att jista' jkun akkompanjat minn dawk il-persuni oħra, u jieħu miegħu dak l-apparat, li jidhirlu xieraq.

Setgħat oħra ta' uffiċjal awtorizzat.

**20.** Uffiċjal awtorizzat ikollu s-setgħa, meta dan ikun meħtieġ biex iwettaq b'mod xieraq il-funzjonijiet tiegħu skont l-artikoli 17 sa 19, li -

(*a*) jixtri kampjun ta' kull prodott jew ta' kull materjal li jista' jintuża fil-preparazzjoni, manifattura jew tagħqid f'ħaġa waħda ta' dak il-prodott;

(*b*) jiftaħ bil-forza kull bieb u jneħħi kull ostakolu jew xkiel għal dak id-dħul, dik it-tfitxxija jew dik il-konfiska;

(*ċ*) jeħtieġ li kull persuna li tmexxi kummerċ jew negozju, jew li hi impjegata in konnessjoni ma' xi kummerċ jew negozju, biex tipproduċi kull ktieb jew dokument, inklużi dawk li huma maħżuna f'*computer* jew f'xi *network* ieħor ta' informazzjoni, li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ jew man-negozju, u li jieħu kopji tagħhom;

(*d*) jieħu jew iżomm, mingħajr ma jħallas flus għalihom, kull oġġett jew kampjun tiegħu, jew xi materjal ieħor, li jidhirlu li huma maħsuba għall-bejgħ, jew ġew mibjugħa jew instabu minnu fuq jew f'xi fond, għall-għan li jkun jista' jistabbilixxi jekk ikun sar reat kontra dan l-Att;

(*e*) li jikkonfiska u jżomm kull oġġett, jew xi kampjun, komponent jew materjal, jew dokumenti biex tista' tinġabar ix-xiehda dwar il-possibbiltà li jkun ġie kommess reat kontra dan l-Att jew li tista' tkun meħtieġa bħala xiehda fi proċedimenti taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmula taħtu; u

(*f*) fejn ikun meħtieġ, biex jiżgura li jiġu mħarsa d-

disposizzjonijiet ta' dan l-Att, li jeħtieġ li kull persuna li jkollha l-awtorità biex tagħmel hekk, biex tiftaħ kull kontenitur jew makna tal-bejgħ awtomatika, u jekk dik il-persuna tonqos milli tħares dik il-ħtieġa, l-uffiċjal awtorizzat jista' jipproċedi biex jagħmel dan huwa stess, jekk ikun hemm bżonn billi jiftaħ bil-forza dak il-kontenitur jew dik il-makna.

Riċevuta għal prodotti konfiskati.

**21.** (1) Meta uffiċjal awtorizzat jikkonfiska xi oġġetti, dokumenti jew notamenti oħra fit-twettiq tas-setgħat tiegħu skont l-artikolu 17, hu għandu jinforma lill-persuna li mingħandha l-ħwejjeġ ġew konfiskati u jgħatiha riċevuta xierqa.

(2) Fil-każ ta' oġġetti konfiskati minn makna tal-bejgħ awtomatika, l-uffiċjal awtorizzat għandu jinforma lill-persuna li isimha u l-indirizz tagħha huma mniżżlin fuq il-makna bħala li hu il-proprjetarju tagħha jew, jekk l-ebda isem u indirizz ma huma hekk imniżżlin, lill-persuna, jekk ikun hemm, li tkun qed tokkupa l-fond li fuqu jkun hemm il-makna jew li miegħu l-makna tkun imwaħħla.

Applikabbiltà tal-Att dwar Segretezza Professjonali . *Emendat: XXIX. 2007.9; VI. 2011,157.* Kap. 377.

**22.** Ebda ħaġa li tinsab fl-Att dwar Segretezza Professjonali ma għandha tiftiehem li teskludi jew xort'oħra tirrestrinġi lid-Direttur Ġenerali, jew xi uffiċjal pubbliku awtorizzat kif imiss mid-Direttur Ġenerali skont l-artikolu 17, milli jikkomunika lill-konsumatur, li l-ilment tiegħu dwar dik il-ħaġa tkun ġiet investigata, informazzjoni dwar dak li jkun instab, li jirriżulta direttament min dik l-investigazzjoni, dwar dik il-ħaġa.

Xkiel jew għoti ta' informazzjoni falza. *Emendat: VI. 2011.157.*

**23.** Kull min xjentement ifixkel, jirreżisti, jgħedded jew mod ieħor jagħti xi informazzjoni li tkun mhux veritiera jew falza lid-Direttur Ġenerali jew lil xi uffiċjal awtorizzat fil-qadi ta' xi waħda mill-funzjonijiet tiegħu imsemmija fl-artikolu 15, jew xjentement jonqos milli jassisti jew iħares xi ħtieġa magħmula legalment minn uffiċjal bħal dan, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att.

Avviż bil-miktub. *Emendat: VI. 2011.157.*

**24.** Meta uffiċjal awtorizzat jkollu għalfejn raġonevolment jaħseb li prodott ikun perikoluż jew b'mod ieħor x'aktarx jikkawża ħsara, u jista' jagħti lil persuna responsabbli ordni bil-miktub fejn jordnalu li sakemm dak l-avviż ma jiġix irtirat, il-prodott ma għandux jintuża, jinbiegħ, jiġi offert għall-bejgħ jew negozjat jew m'għandux jiġi imqiegħed f'post ieħor ħlief f'dak il-post li jista jiġi speċifikat fl-ordni. Kull persuna li xjentement tikser jew tgħin fil-ksur ta' avviż bil-miktub bħal dan tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att:

Iżda id-Direttur Ġenerali għandu, malajr kemm jista' jkun, iżda mhux aktar tard minn xahrejn minn meta jintbagħat l-avviż, lil persuna responsabbli, jiddeċidi dwar is-sigurtà jew mod ieħor tal-prodott, u għandu -

(*a*) jekk jiġi stabbilit li l-prodott ma jkunx perikoluż, jirtira l-avviż; jew

(*b*) jekk jiġi stabbilit li l-prodott hu perikoluż, jipprojbixxi li jiġi użat jew mibjugħ mill-ġdid, jordna il-qbid u l-konfiska tal-prodott, kif ukoll li l-prodott jinżamm f'dak il-fond kif id-Direttur Ġenerali jista' jispeċifika

għall-ispejjeż tal-produttur.

**25.** Fi proċeduri għal reat kontra dan l-Att, il-Qorti tista', jekk jidhrilha li prodott ikun perikoluż, tordna li dak il-prodott jiġi distrutt jew mod ieħor isir disponiment minnu bi spejjeż tal-produttur.

Disponiment ta' prodotti.

**26.** (1) Meta d-Direttur Ġenerali jkollu għalfejn raġonevolment jaħseb li operatur ta' kummerċ jew negozju naqas milli jħares xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi regolament magħmul taħtu, huwa jista' b'avviż bil-miktub (li jkun magħruf bħala "l-avviż") notifikat lil dak il-proprjetarju -

Nuqqas ta' operatur li jħares id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.
*Emendat: VI. 2011.157.*

(*a*) jispeċifika d-disposizzjoni jew ir-regolament li l-proprjetarju jkun naqas milli jħares u jispeċifika dawk l-affarijiet li jikkostitwixxu n-nuqqas ta' tħaris mill-proprjetarju;

(*b*) jispeċifika l-miżuri ta' rimedju li huma meħtieġa li jittieħdu;

(*ċ*) jeħtieġ li l-proprjetarju jwettaq dawk il-miżuri jew miżuri ekwivalenti, f'dak iż-żmien li jista' jiġi speċifikat fl-avviż.

(2) Kull persuna li tonqos milli tħares avviż tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att.

**27.** Mingħajr preġudizzju għal kull funzjoni oħra assenjata lilha minn xi liġi oħra, id-Diviżjoni dwar Regolamenti Tekniċi għandu jkollha wkoll dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

Responsabbiltajiet tad-Diviżjoni dwar Regolamenti Tekniċi.
*Sostitwit: XXIX. 2007.8.*
*Emendat: VI. 2011.159.*

(*a*) li tistabbilixxi u perjodikament taġġorna l-programmi tas-sorveljanza settorali fir-rigward tal-kategoriji kollha ta' prodotti u riskji;

(*b*) li ssegwi u tagħmel aġġornament tat-tagħrif xjentifiku li jirrigwarda s-sigurezza tal-prodotti, kif ukoll rapporti perjodiċi dwar attivitajiet ta' sorveljanza, riżultanzi u riżultati miksuba;

(*ċ*) li perjodikament tirrevedi u tevalwa t-twettiq tal-attivitajiet tal-kontroll u l-effettività tagħhom, u, jekk ikun meħtieġ, tirrevedi l-approċċ tas-sorveljanza u l-organizzazzjoni opportuna.

**28.** (1) Id-Direttur Ġenerali jista' joħroġ dikjarazzjoni pubblika, li tidentifika -

Ħruġ ta' dikjarazzjoni pubblika.
*Emendat: XXIX. 2007.10; VI. 2011.157, 160.*

(*a*) prodotti li huma jew jistgħu jkunu perikolużi;

(*b*) il-produtturi u d-distributuri ta' dawk il-prodotti;

(*ċ*) dawk il-produtturi, distributuri jew persuni oħra, li l-operat jew l-attivitajiet tagħhom rigward prodotti partikolari jistgħu jaffettwaw b'mod ħażin l-interessi ta' konsumaturi skont dan l-Att; jew

(*d*) kull ħaġ'oħra li tista' taffettwa ħażin is-sigurtà tal-konsumaturi.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) għal dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà ta' prodott għandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet tal-artikolu 8(1) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur.

Kap. 378.

(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 8(2) u (3) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur għandhom japplikaw għal dikjarazzjonijiet pubbliċi magħmula jew maħruġa skont dan l-artikolu.

Garanziji dwar kontravenzjonijiet kontra dan l-Att. *Emendat: VI. 2011.157.*

**29.** (1) Id-Direttur Ġenerali jista', minflok ma jibda proċeduri dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jeħtieġ kull persuna li tkun kisret xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu, li tagħti garanzija bil-miktub li tieqaf minn dak l-aġir u li tieħu kull azzjoni ta' rimedju jew azzjoni oħra li d-Direttur Ġenerali jista' jispeċifika, u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 12 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal garanziji magħmula taħt dan l-Att.

Kap. 378.

(2) Kull persuna li tikser xi garanzija magħmula skont is-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat kontra dan l-Att.

## TAQSIMA IV
## PROĊEDIMENTI

Proċedimenti. *Emendat: VI. 2011.157.*

**30.** Proċedimenti dwar reat taħt dan l-Att jistgħu jinbdew biss fuq istanza tad-Direttur Ġenerali, li jista' imexxi l-prosekuzzjoni fil-Qorti.

Preskrizzjoni.

**31.** L-azzjonjijiet kriminali għal reati taħt dan l-Att ikunu preskritti wara sentejn.

Multi. *Emendat: A.L. 426 tal-2007.*

**32.** (1) Persuna li tinsab ħatja ta' reat skont l-artikolu 23 teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329. 37), jew priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien.

(2) Persuna li tinsab ħatja ta' xi reat ieħor skont dan l-Att teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), jew priġunerija għal mhux iżjed minn tliet snin, jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien.

(3) Persuna li tinsab ħatja ta' reat għat-tieni darba jew drabi oħra wara, teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux inqas minn elf u seba' mija u sebgħa u erbgħin euro u tliet ċenteżmi (1,747.03) iżda mhux iktar minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73), jew priġunerija għal mhux iżjed minn erba' snin, jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien.

(4) Il-Qorti tista', meta persuna tinsab ħatja ta' reat kontra dan l-Att, b'eċċezzjoni ta' reati kontra l-artikolu 23, jekk jidhrilha li ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna wkoll s-sospensjoni jew it-tħassir ta' kull liċenza jew liċenzi maħruġa lill-persuna mixlija jew dwar il-fond involut fil-proċedimenti.

(5) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak li intqal qabel, kull persuna li tinsab ħatja ta' reat skont l-artikoli 26 jew 29 teħel multa addizzjonali ta' mhux aktar minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) għal kull ġurnata li ma tħarisx avviż jew garanzija.

**33.** Meta persuna tinstab ħatja ta' reat kontra dan l-Att, il-Qorti għandha tordna lil dik il-persuna biex tħallas lura lid-Direttur Ġenerali, fi żmien kif tista' tisptipula, kull spiża dwar il-proċedimenti mibdija kontriha. Dawn l-ispejjeż għandhom jinkludu spejjeż magħmula fil-qbid, tneħħija, detenzjoni, testjar, analiżi, spezzjon u eżami ta' prodotti, jew kampjuni tagħhom, involuti f'dawn il-proċedimenti.

Ħlas lura lid-Direttur Ġenerali.
*Emendat: VI. 2011.157.*

**34.** L-Avukat Ġenerali jkollu dritt ta' appell kontra xi deċiżjoni mogħtija fi proċedimenti miġjuba taħt dan l-Att jew konnessi ma' regolamenti magħmula taħtu.

Reat minn kumpannija.

## TAQSIMA V
## MIXXELLANJI

**35.** Xejn f'dan l-Att ma għandu jinftiehem bħala li jaffettwa b'mod ħażin id-drittijiet ta' konsumaturi li joħorġu mid-disposizzjonijiet li jirregolaw ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi skont it-Taqsima VII tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur.

Applikabbiltà tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur.
Kap. 378.

**36.** Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti -

(*a*) li jistabilixxu u jawtorizzaw id-drittijiet li jistgħu jiġu imposti mid-Direttur Ġenerali fl-eżerċizzju ta' xi waħda mill-funzjonijiet assenjati lilu taħt dan l-Att jew regolamenti magħmula taħtu; u

(*b*) li jippreskrivu l-forma ta' xi dokument li għandu jintuża għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dan l-Att.

Regolamenti dwar drittijiet u l-forma ta' dokumenti.
*Emendat: VI. 2011.157.*

**37.** (1) Kull dokument li hu meħtieġ jew awtorizzat minn jew skont dan l-Att li jingħata jew jiġi notifikat lil xi persuna, jista' jingħata jew jiġi notifikat jew -

Notifika ta' dokumenti.

(*a*) billi jingħata lil dik il-persuna jew jitħalla jew jintbagħat fl-indirizz tiegħu ta' residenza ordinarja jew l-aħħar magħrufa; jew

(*b*) f'każ ta' kumpannija jew korp ieħor jew assoċjazzjoni ta' persuni, billi jintbagħat lill-uffiċċju reġistrat jew prinċipali.

(2) Meta d-dokument għandu jingħata jew jiġi notifikat lill-proprjetarju ta' xi fond jew lil min jokkupa dak il-fond u ma jkunx prattikabbli, wara riċerka raġonevoli, li jiġi verifikat l-isem u l-indirizz tal-persuna li lilha għandu jingħata jew jiġi notifikat, jew jekk il-fond ma jkunx okkupat, id-dokument jista' jingħata jew jiġi notifikat billi jiġi indirizzat lill-persuna konċernata billi jiġi indirizzat "lill-proprjetarju" jew "lill-okkupant" tal-fond u, jekk ma jkunx hemm persuna fil-fond li lilha d-dokument jista' jingħata, billi dak id-dokument jitwaħħal, jew kopja tiegħu titwaħħal, ma' xi parti li tidher tal-fond.

Regolamenti dwar prodotti.
*Emendat:*
*XXIX. 2007.11;*
*VI. 2011.161.*

**38.** Il-Ministru jista', fuq il-parir tad-Direttur Ġenerali (Regolamenti Tekniċi), jagħmel regolamenti -

(*a*) biex jippreskrivi livelli minimi ta' kwalità permissibbli għal dak li għandu x'jaqsam ma' xi klassi, kategorija jew xorta ta' prodott, inkluż l-ippakkjar tiegħu;

(*b*) biex jippreskrivi ħtiġiet mandatorji rigward id-disinn, il-metodi ta' manifattura, kostruzzjoni, sigurtà, tlestija, testjar, kontroll fuq il-kwalità, tikkettjar, klassifikazzjoni, ippakkjar, gradazzjoni, ħażna, trasport u impatt fuq l-ambjent ta' kull klassi, kategorija jew xorta ta' oġġetti, materjali, sustanzi, impjant, stallazzjoni jew strutturi;

(*ċ*) biex jaddotta u jimplementa kull rabta u obbligazzjoni li għandha x'taqsam ma' prodotti li toriġina minn jew skont xi trattat, konvenzjoni jew ftehim internazzjonali ieħor, kemm jekk dan ikun bilaterali, reġjonali jew multilaterali, li tiegħu Malta tkun parti;

(*d*) li jirrigwardaw il-ħwejjeġ li għandhom jitqiesu biex jiġi deċiż meta, u f'liema ħinijiet, għandhom jittieħdu kampjuni;

(*e*) li jirridgwardaw il-mod kif jittieħdu kampjuni, inklużi l-passi li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat li l-kampjuni meħuda jkunu ġusti u adegwati;

(*f*) li jirrigwardaw il-mod kif wieħed għandu jaġixxi rigward kampjuni, inkluż, fejn ikun hekk xieraq, id-diviżjoni ta' kampjuni f'biċċiet;

(*g*) rigward il-persuni li lilhom għandhom jingħataw il-kampjuni jew il-biċċiet tal-kampjuni u l-persuni li għandhom iżommu l-kampjuni jew il-biċċiet tal-kampjuni;

(*h*) rigward l-avviżi li għandhom jingħataw lil, u l-informazzjoni li għandha tingħata minn, persuni responsabbli għal xi prodott;

(*i*) rigward il-metodi li għandhom jintużaw fl-analiżi jew fl-eżami ta' kampjuni, jew fil-klassifikazzjoni u evalwazzjoni tar-riżultati tal-analiżi jew l-eżami;

(*j*) rigward iċ-ċirkostanzi li fihom analista jew eżaminatur għandu, għal raġunijiet ta' konflitt ta' interessi, jiġi prekluż milli janalizza jew jeżamina kampjun partikolari;

(*k*) biex jiġu stabbiliti l-proċessi li bihom jista' jingħad li prodotti partikolari jkunu għaddew minn proċess ta' rikondizzjonar għal xi għan ta' dan l-Att; u

(*l*) biex isemmi kull ħaġa, oġġett jew sustanza manifatturati bħala "prodott" għal xi jew kull raġuni skont dan l-Att.

Regolamenti dwar sorveljanza fuq is-suq.

**39.** Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti -

(*a*) biex jistabbilixxi s-sistemi u l-proċeduri għall-

iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi oħra u organizzazzjonijiet internazzjonali dwar affarijiet konnessi mas-sigurtà ta' prodott;

(*b*) biex jinħolqu proċeduri li jiffavorixxu l-iskambju ta' informazzjoni b'mod mgħaġġel għal dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà ta' prodott;

(*ċ*) il-forom u l-metodi ta' notifika kooperazzjoni u kollaborazzjoni rigward ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà ta' prodott ma' pajjiżi oħra u organizzazzjonijiet internazzjonali, kemm fuq bażi multilaterali jew reġjonali jew mod ieħor;

(*d*) biex jiġu stabbiliti s-sistemi u l-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni u l-koordinazzjoni u kollaborazzjoni amministrattiva rigward is-sigurtà ta' prodott bejn dipartimenti tal-Gvern, awtoritajiet pubbliċi u entitajiet oħra taħt il-kontroll ġenerali tal-Gvern;

(*e*) li jippreskrivu l-kategoriji ta' persuni li jistgħu jiġu awtorizzati skont l-artikolu 16.

Ilsien tar-regolamenti.

**40.** (1) Regolamenti magħmula taħt xi disposizzjoni ta' dan l-Att jistgħu jsiru bl-ilsien Ingliż biss.

(2) F'każ ta' konflitt jew inkompatibilità bejn it-test Malti u t-test Ingliż ta' xi regolamenti magħmula taħt dan l-Att, il-verżjoni tat-test Ingliż għandha tipprevali.

Riżerva. Kap. 225.

**41.** Kull ordni magħmul taħt l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali), għandu jibqa' fis-seħħ bħallikieku kien sar taħt dan l-Att sakemm jiġi revokat jew mibdul b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att.